# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2015**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Guramentat Numru : 780/2015/LSO**

**Exante Limited (C-52182)**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-soċjetà Exante Limited (C-52182) ("Exante") kif konfermat bil-ġurament tad-direttur tagħha Alexey Kirienko, detentur tal-passaport Russu bin-numru 652204676, debitament awtorizzat sabiex jidher in

rappreżentanza tas-soċjetà attriċi datata 13 ta' Awwissu 2015, li jikkonferma s-segwenti fatti magħrufa lilu personalment: -

Illi s-soċjetà attriċi hija kumpanija Maltija liċenzjata mill-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (tal-Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta) taħt Kategorija II ossija "*Category 2 - Licence Holders authorised to provide any Investment Service, and to hold or control Clients' Money or Customers' Assets, but not to deal for their own account or underwrite"* kif jirriżulta mill-estratt pubbliliku tal-liċenzja tal-MFSA hawn anness u mmarkat Dok EX 1*;*

Illi fil-kors ordinarju tan-negozju tagħha Exante topera numru ta' kontijiet bankarji mal-Bank intimat, uħud f'isimha u li fihom iżżomm flusha, mentri aktar importanti minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti applikabbli u promulgati taħt il-Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta hija topera wkoll *clients' accounts* ossija kontijiet bankarji fejn hija tiddepożita u tiġġestixxi flejjes li **mhumiex tagħha iżda tal-klijenti** f'kont magħruf bħala Money Account/Client Financial Instruments accounts *account* illi minnhom jgħaddu diversi transazzjonijiet f'isem u għan-nom ta' klijenti bi flejjes tal-istess klijenti u mhux tas-soċjeta' attriċi u dan kif jirriżulta mill-anness Dokument EX 2 fuq intestatura tal-istess Bank intimat;

Illi d-dispożizzjonijiet tal-*Investment Services Act (Control of Assets) Regulations* (SL 370.05) ma jistgħux ikunu aktar ċar dwar id-distinzjoni patrimonjali tal-flus tal-klijenti ta' entitajiet registrati u jaqraw hekk:

***3.(1)*** *A subject person having the control of assets belonging to a customer in the course of rendering an investment service, to such customer, shall hold such assets solely for and on behalf of and in the interest of the customer.*

***(2)*** *Notwithstanding anything stated in article 1894 of the Civil Code or in the agreement entered into between the subject person and the customer or the fact that a customer's assets held under the control of a subject person are registered in the name and title of or are otherwise vested in the subject person, such assets shall be deemed to constitute a distinct patrimony, separate from that belonging to the subject person and from that of other customers the assets of whom are also held under the control of the subject person.*

***(3)*** *Except as expressly provided in the agreement entered into between the subject person and the customer and notwithstanding the provisions of the Civil Code, the control of assets belonging to a customer by a subject person shall not give or be deemed or construed to give to the subject person any rights over such assets nor shall it create any form of loan between the subject person and the customer and this notwithstanding the nature of the assets or the*

*rights or obligations of the subject person in relation to the assets.*

***4. (1)*** *A customer whose assets are held under the control of a subject person enjoys a right of ownership in such assets notwithstanding that they may be registered in the name and title of or are otherwise vested in the subject person. Where such assets are held by the subject person as part of a common pool of identical assets or are otherwise held in a clients' or common account, the customer shall have an undivided share in ownership of all the assets held collectively by the subject person in such a pool or account.*

***(2)*** *The records, accounts and other statements held or issued by the subject person in terms of regulation 7(3) shall, saving any proof to the contrary, constitute evidence of their contents and of the right of ownership of the customer as provided in subregulation (1).*

***5. (1)*** *The creditors of a subject person shall have no claim or right of action on or against the assets held under the control of the subject person for and on behalf of and in the interest of any customer and such assets shall not be affected in any manner by the provisions of laws and regulations in force regulating the insolvency or bankruptcy of the subject person.*

*....*

***(3)*** *In the event that any assets held under the control of the subject person are, at the request of any creditor of the*

*subject person, made subject to any precautionary or executive act or warrant granted by any Court in terms of the Code of Organization and Civil Procedure, the customer on whose behalf such assets are being held or the competent authority may, by application to the Court, request the release of the assets from such act or warrant and the Court shall, on production of evidence as it may deem fit, accede to the application without undue delay.*

Illi fl-10 ta' Awwissu 2015 l-awtorita' dwar is-sigurtajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika s-SEC (*Securities Exchange Commission*) ressqet *Complaint* fid-District Court tad-District of New Jersey kontra numru konsiderevoli ta' entitajiet fosthom l-istess soċjeta' attriċi Exante (*Complaint*) (Dok EX 3);

Illi l-allegazzjonijiet imsemmija f'dak il-*Complaint* huma fil-konfront tas-soċjeta' attriċi għal kollox vessatorji, is-soċjeta' attriċi ddaħlet f'tali proċedura mingħajr ma sar qari bir-reqqa kemm tan-natura tagħha kif ukoll tas-servizzi li hija tirrendi tant li ġiet indikata bħala "*a Malta based hedge fund*" mentri hija mhi xejn minn dan iżda hija *broker* debitament liċenzjata Malta kif intqal, u l-istess soċjeta' bi ħsiebha tiddefendi ruħha bil-qawwa kollha tant illi diġa' tat struzzjonijiet lid-ditta legali Shulte Roth and Zabel ta' Washington D.C. fl-Istati Uniti sabiex jiddefenduha f'dawk il-proċeduri;

Illi iżda l-mertu tal-kawża odjerna ma jirrigwardax dak il-mertu li sejjer eventwalment jiġi diskuss fl-Istati Uniti iżda

dwar kif arbitrarjament u illegalment il-Bank intimat aġixxa meta sar jaf – possibbilment mill-medja lokali u/jew internazzjonali – b'dan il-*Complaint*;

Illi dan għaliex il-Bank intimat, arbitrarjament, mingħajr ma rċieva l-ebda ordni jew intimazzjoni uffiċjali, mingħajr ma jeżisti f'Malta l-ebda mandat kawtelatorju u l-ebda ordni għal dan il-għan issekwestra, qabad il-flejjes kollha u waqqaf l-aċċess tas-soċjeta' attriċi għall-kontijiet mal-istess Bank. Fuq kollox tali azzjoni arbitrarja u unilaterali ma saritx biss fuq il-kontijiet ta' Exante iżda fuq il-*clients account* fejn hemm flejjes li **mhumiex** ta' Exante iżda tal-klijenti tagħha u dan meta hija semmai BISS Exante illi hija indikata fil-proċeduri Amerikani suċċitati bħala 'defendant';

Illi l-Bank intimat ma setax ma kienx jaf illi din hija s-sitwazzjoni viġenti – ossija li jeżistu kontijiet f'isem l-istess Exante u oħrajn li għalkemm intestati f'isimha huma kjarament *clients accounts* li fihom flejjes esklussivament ta' terzi konformament man-negozju tagħha ta' *broker* li intrinsikament jirrikjedi li l-attriċi tħaddem il-flus appartenenti lill-klijenti tagħha. Dan għaliex aktar kmieni f'din l-istess sena il-partijiet f'din il-kawża skambjaw korrispondenza estensiva bejniethom u l-Bank intimat irrikonoxxa espressament li l-kontijiet in kwistjoni intestati lill Exante iżda li huma *clients' accounts* u li ma fihomx flejjes tas-soċjeta' attriċi u dan kif jirriżulta mill-anness dokument EX 2;

Illi b'dan l-aġir arbitrarju l-Bank intimat is-soċjeta' attriċi issa tinstab rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn qiegħda tikser l-obbligi li għandha fil-konfront tal-klijenti tagħha u *ai termini* tal-liċenzja tal-MFSA u dan għaliex hija millum mhix qagħda li tħaddem il-flus tal-klijenti tagħha meta u x'ħin jidħlu tali struzzjoni tal-klijenti sabiex fl-aħħar mill-aħħar iħaddmu flushom. Dan kollu qed joħloq preġudizzju inġenti u rrimedjabbli li jista' jkollu riperkussjonijiet enormi potenzjalment b'mijiet ta' klijenti jitolbu aċċess għal flushom minn għand is-soċjeta' attriċi, l-istess bank intimat u l-MFSA *qua* regolatur tas-settur;

Illi dan l-aġir huwa għal kollox illegali u ma setax arbitrarjament il-Bank intimat jieħu l-passi li ħa. Anke jekk għall-finijiet tal-argument biss – u dan huwa wkoll argument kuntestat bil-qawwa għaliex f'Malta ma jeżistu sallum l-ebda mandat jew ordni f'dan is-sens – il-Bank intimat xtaq jikkawtela ruħu *in vista* tal-proċeduri Amerikani suċċitati u eċċeda fil-prudenza, dan fi kwalunkwe każ seta' jagħmlu biss fil-konfront tal-kontijiet bankarji tas-soċjeta' attriċi (indikata *de proprio* bħala *Defendant*) u ma seta' qatt jissekwestra u jibblokka kontijiet ta' klijenti kollha tas-soċjeta` rikorrenti b'mod indiskriminat. Bħala entita' liċenzjata mill-MFSA jekk hemm żewġ klijenti tas-soċjeta' rikorrenti li huma ndikati fil-proċeduri Amerikani, jispetta lis-soċjeta' rikorrenti li tieħu passi kontra dawk il-klijenti tagħha – ħaġa li effettivament ġja għamlet - u ma kien jispetta qatt u fl-ebda waqt lill-Bank intimat illi jarroga lilu nnifsu l-jedd li jissekwestra flejjes ta' terzi li ma jiċċentraw proprju xejn

mal-proċeduri in kwisjtoni u *multo magis* kif diġa` intqal dan meta ma teżisti l-ebda ordni legali f'dan is-sens.

Illi immedjatament qabel ma ġiet intavolata din il-kawża sar kuntatt mas-CEO tal-Bank intimat illi kkonferma illi l-Bank intimat ma kienx lest illi jissana l-pożizzjoni llegali li ħa billi jirrilaxxa l-fondi tal-klijenti tas-soċjeta' attriċi u kien għalhekk illi kellha ssir din il-kawża b'mod urġenti;

Għaldaqstant *in vista* tas-suespost u tal-kritiċita' tas-sitwazzjoni s-soċjeta' attriċi Exante Limited umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-aġir illi permezz tiegħu l-intimat Bank of Valletta p.l.c. iddeċieda illi jissekwestra l-*clients accounts* intestati f'isem is-soċjeta' attriċi iżda kontenenti flus ta' terzi klijenti elenkati fl-anness DOK EX 2 kien illegali u abbusiv;

2. Tordna illi minnufih is-soċjeta' attriċi terġa' tirrijattiva l-aċċess sħiħ tas-soċjeta' attriċi għall-imsemmija *clients accounts* intestati f'isem is-soċjeta' attriċi iżda kontenenti flus ta' terzi klijenti;

3. Bl-ispejjeż u b'riserva għad-drittijiet kollha, inkluż id-dritt għar-riżarċiment fid-danni kontra l-Bank intimat skont il-liġi, illi minn issa qed jiġi intimat in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta datata 13 ta' Awwissu 2015 fejn:

*"Il-Qorti,*

*Tilqa' l-ewwel talba ghal ftuh tar-Registru tal-Qorti.*

*Peress li l-kawza trid tigi assenjata lill-gudikant iehor f' dan l-istadju tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, sabiex din it-tieni talba tigi degretata minn dak il-gudikant li din il-kawza ha tigi assenjata."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta datat 14 ta' Awwissu 2015 fejn il-Qorti, rat ir-rikors datat 13 ta' Awwissu 2015 u laqghet it-tieni talba u ordnat li l-kawza fl-istess ismijiet appuntata quddiemha tinstema' bl-urgenza u li ser tipprovdi dwar id-data, hin u termini fl-atti tal-kawza. Ordnat li dan ir-Rikors u Digriet jigu notifikati lill-Bank intimat.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta tar-Rikors Guramentat datat 13 ta' Awwissu 2015, fejn wara li rat ir-rikors ghas-smigh tal-kawza odjerna bl-urgenza u d-Digriet taghha tallum stess fejn laqghet it-Talba, ordnat li l-kawza tinstema' b' urgenza u ghalhekk giet appuntata ghas-smigh ghal nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2015 fl-10:30 a.m. Ordnat wkoll li:

1. In-notifika tar-rikors u d-dokumenti mehmuza mieghu lill-intimat li jkollu sebat ijiem (7) biex iressaq ir-Risposta Guramentata;

2. Lir-rikorrenti jressaq nota fejn jispjega fid-dettall ix-xhieda li bi hsiebu jressaq u l-iskop tal-prova, u dan sal-

ewwel dehra, u bil-fakolta` li jressaq provi b' affidavit sal-istess data;

3. Lir-rikorrenti sabiex jesebixxi b' nota kull dokument relattiv ghall-kaz li ghadu mhux fl-atti tal-kawza;

4. In-notifika ta' kopja ta' dan id-Digriet lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino. Ordnat n-notifika ta' dan id-Digriet flimkien mar-Rikors Guramentat lill-kontro-parti u, stante l-urgenza, awtorizzat li n-notifika tat-tnejn issir anke wara l-hinijiet legali bil-purtier.

Rat ir-risposta guramentata tal-Bank of Valletta plc datata 24 ta' Awwissu 2015 fejn l-Avukat Dottor Stefan Grima detentur tal-karta ta' l-identita` numru 509978(M) bil-ġurament tiegħu ikkonferma s-segwenti:

**A DIFIŻA**

1 Preliminarjament, sa fejn it-talbiet tar-rikorrenti jikkonċernaw dak li huma qed jirreferu għalih bħala "il-*clients accounts",* ir-rikorrenti m'għandhiex interess ġuridiku tippromwovi dawn it-talbiet *stante* li l-interess ġuridiku huwa tal-klijent finali, ossia l-proprjetarju tal-flus in kwistjoni u semmai kienu dawn li kellhom jippromwovu l-azzjoni;

2. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda *stante* li l-bank intimat aġixxa f'kull ħin skont il-liġi (b'mod partikolari iżda mhux

biss id-disposizzjonijiet l-Att Kontra *Money Laundering* (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti maħruġa taħtu).

3. *In* oltre, l-ewwel talba għandha wkoll tiġi miċħuda stante li l-bank intimat aġixxa f'kull ħin skont it-termini u kundizzjonijiet li ssottoskriviet għalihom is-soċjeta` rikorrenti meta staqsiet biex jinfetħu l-kontijiet bankarji mal-Bank intimat.

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ewwel talba għandha wkoll tiġi miċħuda *stante* li ir-rikorrenti stess, fl-istruzzjonijiet li tat lil Bank, aċċettat li l-Bank intimat m'għandux jitqies responsabbli jekk ma jimplimentax it-transazzjonijiet rikjesti jew jiffriża l-kontijiet bħala riżultat ta' xi ligi, sanzjoni jew skont il-*policy* tal-istess Bank. Għaldastant, *dato ma non concesso*, li r-rikorrenti għandha raġun, id-dritt ta' azzjoni da parti tagħha ġie ċedut bil-firma tagħha stess.

5. Fir-rigward tat-tieni talba, il-Bank jirrispondi illi (i) fl-ewwel lok, għandu kull dritt skont il-liġi (msemmija fit-tieni risposta) u skont it-termini u kundizzjonijiet (imsemmija fit-tielet risposta) li jwaqqaf l-aċċess għall-kontijiet u (ii) fit-tieni lok, mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat sad-data ta' din ir-risposta u kif ser jintwera waqt il-provi, il-Bank intimat ġie ordnat mill-Qorti Kriminali li jiffriża l-kontijiet bankarji tas-soċjeta` rikorrenti u għaldaqstant l-aċċess għall-kontijiet huwa issa miżmum b'ordni mill-Qorti kompetenti.

6. Bl-ispejjeż.

**B. IL-FATTI**

Il-fatti li ser isegwu jindirizzaw bl-istess mod numeriku l-fatti fir-rikors ġuramentat:

1. Il-Bank intimat m'għandux x'jikkumenta fir-rigward tal-fatti fl-ewwel paragafu;

2. Fir-rigward tat-tieni paragrafu il-Bank jikkonferma li s-soċjeta` rikorrenti għandha kontijiet tagħha stess u wkoll kontijiet intestati bħala *clients' account* kif jidher f'dokument "EX2" anness mar-rikors ġuramentat. Għalkemm dawn il-kontijiet ta' l-aħħar huma magħrufa u ntestati bħala *clients' accounts*, il-bank intimat ma għandux informazzjoni dwar min fil-fatt huwa l-klijent proprjetarju tal-flus fil-kont *stante* li ghalkemm intestat bhala *clients account* l-kont huwa miftuh f'isem u jiġi operat esklussivament mis-soċjeta` rikorrenti presumibilment għan-nom tal-klijenti tagħha stess li ma jkunux identifikati mill-istess bank. Ir-relazzjoni kontrattwali hija wahda bejn is-socjeta` rikorrenti u l-Bank. Il-Bank mhux f'pozizzjoni li jikkonferma li l-flejjes f'dawn il-*clients' accounts* humiex fil-fatt flejjes ta' l-istess klijenti (jew ta' individwi u entitajiet oħra imniżżla bħala intimati fil-proċeduri fl-Amerika u/jew fl-ordni maħruġ mill-Onorabbli Qorti Kriminali Maltija fit-18 ta' Awissu 2015). Jidher li s-soċjeta` rikorrenti fir-rikors promotur (ara paragrafu 10) tikkonferma bil-ġurament li dawn il-*clients' accounts,* fil-fatt,

kellhom flejjes ta' individwi jew entitajiet milquta mill-proċeduri in kwistjoni;

3. Fir-rigward tat-tielet paragrafu, il-bank intimat m'għandux xi jgħid ħlief li hija abbażi ta' dawn l-istess imsemmija disposizzjonijiet li l-ewwel risposta għandha tiġi milqugħa;

4. Il-Bank jikkonferma li huwa jaf li s-*Securities Exchange Commission* Amerikana ressqet ilment kontra s-soċjeta rikorrenti u wkoll individwi u entitajiet oħra;

5. Il-Bank intimat ma jidħolx fil-kwistjoni dwar jekk il-bażi ta' l-ilment hix waħda fondata jew le, madankollu bħala prekawzjoni, meta l-Bank ġie rinfaċċjat b'din l-informazzjoni dwar dan l-ilment, il-Bank segwa dak li għandu dritt jagħmel skont it-termini u kundizzjonijiet imsemmija fit-tielet risposta u kif ukoll kif obbligat li jagħmel mil-liġi. Dan fis-sens illi l-Bank għandu dritt, u saħansitra obbligu, li f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni, li ma jwettaqx istruzzjonijiet tal-klijent tiegħu (u cioe` f'dan il-każ tas-soċjeta` rikorrenti) u li jirrapporta dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn ta' l-aħħar ikollhom id-dritt li jistaqsu lill-Bank sabiex jissospendi kull azzjoni, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ. Ta' min jirrileva f'dan l-istadju, li l-Bank intimat wara li bħala prekawzjoni waqqaf il-kontijiet huwa beda jiddiskuti mas-soċjeta` rikorrenti kif is-sitwazzjoni setgħet tiġi żblokkata u kien ukoll qed jikkunsidra talba da parti tas-soċjeta` rikorrenti sabiex jingħalqu l-kontijiet kompletament. Fil-fatt il-Bank intimat irċieva L-istruzzjonijiet mis-soċjeta` rikorrenti

sabiex jingħalqu l-kontijiet nhar il-Gimgħa l-14 ta' Awwissu 2015 u cioe' ġurnata wara li ġie ppreżentat dan ir-rikors ġuramentat li ġie notifikat lill-Bank intimat nhar it-Tnejn 17 ta' Awwisu 2015. Fil-frattemp, il-Bank ġie prekluż skont il-liġi milli jwettaq l-istess istruzzjonijiet.

6. L-allegazzjoni li l-Bank aġixxa arbitrarjament u llegalment fir-rigward tas-soċjeta` rikorrenti (kif inhu allegat fis-sitt paragrafu) hija miċħuda fis-sens illi filwaqt li l-azzjoni tal-Bank ċertament li ma kinitx waħda llegali, tista' biss titqies bħala arbitrarja – madankollu d-deċiżjoni tal-Bank li jaġixxi kif aġixxa saret pjenament skont il-liġi u t-termini u kundizzjonijiet tal-kontijiet bankarji u wara kollox kif jeżiġu ċ-ċirkostanzi ta' allegazzjonijiet simili ta' dawk li s-soċjeta` rikorrenti qed tiġi rinfaċċjata bihom.

7. Fir-rigward tal-fatti fis-seba' paragrafu, il-Bank jtenni dak li diġa` sostna fil-paragrafi preċedenti dwar l-aġir tiegħu u l-bażi ta' l-istess. *Inoltre*, kif ser jintwera waqt l-istadju tal-provi l-affermazjoni tar-rikorrenti f'dan il-paragrafu m'għadhiex korretta stante li hemm *in vigore* ordni tal-Qorti Krminali li jipprekludi lill-Bank intimat milli jirrilaxxa l-kontijiet bankarji. Fl-istess ordni, l-Qorti Kriminali kkonkludiet – bħal ma *del resto* għamel il-Bank intimat fl-analiżi tiegħu – li hemm raġunijiet biżżejjed ta' suspett li r-rikorrenti u individwi u entitajiet oħra huma ħatja ta' reati rilevanti kif imfisser fl-art. 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Bank iżid jgħid illi, kif diġa` spjegat fit-tieni paragrafu ta' dawn il-fatti, huwa mhux konsapevoli dwar min huma l-klijenti proprjetarji ta' dawk 'l hekk imsejħa *clients accounts.*

Għaldaqstant mingħajr din l-informazzjoni, il-bank ma kellux għażla oħra ħlief li jaġixxi kif fil-fatt għamel mingħajr distinzjoni dwar jekk il-kont huwiex imsejjaħ *clients account* jew le. Il-Bank intimat kellu wkoll preokkupazzjoni oħra u cioe` li l-klijenti proprjetarji tal-flejjes fil-kontijiet in kwistjoni setgħu jinkludu l-persuni mħarrka bħala intimati mis-*Securities Exchange Commission* Amerikana u eventwalment ukoll milquta mill-ordni tal-Qorti Kriminali. Is-suspett u l-preokupazzjoni tal-Bank f'dan is-sens tidher li *del resto* kienet waħda fondata kif fil-fatt tikkonferma s-soċjeta` rikorrenti stess fil-paragrafu 10 tar-rikors promotur.

8. Fir-rigward tal-fatti fit-tmien paragrafu tal-fatti fir-rikors ġuramentat il-Bank intimat jirrileva illi huwa minnu li ċerti kontijiet ġew rikonoxxuti mill-bank bħala *clients' accounts.* Madankollu jibqa' l-fatt li l-klijenti in kwistjoni mhumiex magħrufa għal Bank.

9. Fir-rigward tal-fatti u l-konsegwenzi fid-disa' paragrafu tar-rikors ġuramentat jingħad li ġaladarba l-aġir tal-Bank kien konformi mal-liġi u mat-termini u l-kundizzjonijiet (kif ukoll kien kawt u prudenti) ma jistax ikun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li s-soċjeta` rikorrenti tgħid li hi esposta għaliha. Għal dawn il-konsegwenzi għandha tirrispondi biss l-istess rikorrenti. Naturalment, l-arranġament li s-soċjeta` rikorrenti għandha mal-klijenti tagħha huma *res inter alios acta* għall-Bank intimat.

10. Fir-rigward ta' l-għaxar paragrafu tal-fatti fir-rikors ġuramentat jingħad li mid-data tar-rikors ġuramentat sad-data ta' din ir-risposta hemm fil-fatt ordni ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-18 ta' Awwissu 2015 li jwaqqaf lill-Bank intimat milli, fost affarijiet oħra, jagħti aċċess għall-kontijiet lis-soċjeta' rikorrenti. *Inoltre* pero', l-Bank jiċħad li aġixxa b'mod illegali meta waqqaf kemm il-kontijiet tas-soċjeta` rikorrenti u kif ukoll dawk intestati bħala *clients' accounts* u dawn għar-raġunijiet kollha li diġa` ġew spjegati fil-paragrafi preċedenti. Kien ikun imprudenti u saħansitra jkun qiegħed jikser il-liġi li kieku f'dawn iċ-ċirkostanzi l-bank intimat aġixxa kif qed tissuġġerixxi li kellu jaġixxi s-soċjeta` rikorrenti fil-paragrafu għaxra u cioe` li tistrieħ biss fuq il-fatt li s-soċjeta` rikorrenti hija liċenzjata ma' l-MFSA u li għalhekk din kienet ser tieħu l-passi fil-konfront ta' klijenti indikati fil-proċeduri Amerikani (kif fil-fatt jidher li għamlet) – u dan meta hija s-soċjeta` rikorrenti stess li hija ndikata bħala intimata fil-proċeduri fl-Amerka! Is-soċjeta` rikorrenti tippretendi li filwaqt li hi setgħet tieħu l-passi kollha kontra dawk il-klijenti tagħha li jidhru li ġew mistħarrġa mis-*Securities Exchange Commission* Amerikana, pero` l-Bank ma kellux jieħu dawk il-passi li fil-fatt ħa, fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti meta hi din stess li kienet elenkata, flimkien ma oħrajn, mis-*Securities Exchange Commission* u meta kienet hi li kienet tħaddem dawn il-kontijiet.

11. Fir-rigward tal-ħdax-il paragrafu jingħad illi l-kap eżekuttiv tal-Bank intimat aġixxa in konformita` mal-liġi u mat-termini u l-kundizzjonijiet fuq imsemmija.

12. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, t-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Awwissu 2015 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Stefan Frendo u Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` rikorrenti, rapprezentata fl-Awla minn Bruno Cakans; u Dr. Louis Degabriele, Dr. Donald Vella u Dr Kirsten Cassar ghall-Bank intimat, rapprezentat minn Dr Stefan Grima fl-Awla. Ir-rikorrenti esebew b'nota kopja tal-ordni mahruga mill-Qorti Kriminali tat-18 ta' Awwissu 2015, fir-rigward li hija 'investigation and attachment order' (sekwestru) fil-konfront tal-kontijiet bankarji tas-socjeta` rikorrenti li huma mizmuma fil-bank intimat. Dr. Louis Degabriele qabel li din hija kopja vera tal-ordni msemmija. Dr. Louis Degabriele ghall-Bank intimat iddikjara li salv li l-parti l-ohra tirtira l-ewwel talba tar-rikors, il-Bank jintrabat li immedjatament illi l-ordni tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Awwissu 2015 titnehha, u fin-nuqqas ta' xi ordni ohra illi tipprojbih milli jaghti access lis-soċjeta` rikorrenti ghall-kontijiet taghha mal-Bank intimat, kemm dawk f'isimha proprju kif ukoll *client accounts* mal-bank, l-istess bank minnufih jirriattiva access shih lis-socjeta` attrici ghall-imsemmija *accounts*, u dan minghajr ebda ammissjoni ta' xi agir abbuziv jew illegali da parti tal-bank kif allegat fir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri. Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` rikorrenti *in vista* tal-verbal da parti tas-socjeta` intimata u minghajr ghal kull dritt spettatini lilha, laqghet favorevolment il-pozizzjoni tal-bank intimat u ghalhekk irrinunzjaw ghall-ewwel talba, u talbet

sentenza fuq it-tieni talba, bl-ispejjez bejn il-partijiet jibqghu minghajr taxxa. Dr. Degabriele qabel li l-ispejjez jibqghu bla taxxa. Id-difensuri tal-partijiet talbu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza skont dak ivverbalizzat f' din is-seduta. Il-kawza giet posposta ghas-sentenza. Meta regghet ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din is-sentenza qed tinghata wara li d-difensuri tal-partijiet, fil-prezenza tar-rapprezentanti rispettivi tas-socjetajiet kontendenti, qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza skont kif ivverbalizzat.

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-socjeta` attrici, li hija kumpanija Maltija licenzjata mill-Awtorita' Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) talbet li s-socjeta' bankarja intimata tigi ordnata li tirriattiva l-access taghha ghall-*clients' accounts* intestati f'isimha, wara li l-istess Bank kien issekwestra l-imsemmija kontijiet bankarji. Il-*cilents accounts* in mertu jinsabu esebiti fl-atti tal-kawza.

Illi mhux ikkontestat li l-Bank intimat zamm lir-rikorrenti milli taccedi ghall-*clients accounts* intestati f'isimha mal-istess Bank.

Illi minn dak ivverbalizzat fis-seduta mizmuma, jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, u cioe`, fit-18 ta' Awwissu

2015, inharget Ordni ta' Investigazzjoni u Ordni ta' Swekwestru mill-Qorti Kriminali ta' Malta, u li permezz tal-istess, il-Qorti Kriminali ordnat is-sekwestru tal-kontijiet bankarji intestati *inter alia* f'isem Exante Limited. Kopja ta' din l-ordni giet esebita *seduta stante* illum stess.

Fid-dawl ta' din l-ordni u dak ivverbalizzat mill-Bank intimat, is-socjeta' attrici irtirat l-ewwel talba.

**Illi ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni izjed ta' din it-talba.**

Riferribbilment ghat-**tieni talba,** il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' din it-talba fil-limitu ta' dak ivverbalizzat mid-difensur tal-Bank intimat u cioe`, tordna li l-access shih tas-socjeta' attrici ghall-*clients accounts* li ghandha mal-Bank intimat jigi riattivat immedjatament malli l-ordni tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Awissu 2015 tigi revokata fil-konfront tar-rikorrenti u fin-nuqqas ta' ordni ohra li tipprojbixxi lill-istess Bank li jaghti access lir-rikorrenti ghall-imsemmija kontijiet.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** u tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet sollevati billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba,

**(2) Tilqa' t-tieni talba attrici** limitatament u fis-sens li tordna lis-socjeta` intimata tirrijattiva l-access shih tas-

socjeta` rikorrenti ghall-imsemmija *clients accounts* intestati f'isem is-socjeta` rikorrenti izda kontenenti flus ta' terzi klijenti minnufih li l-ordni tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Awwissu 2015 tigi revokata fil-konfront tar-rikorrenti, u fin-nuqqas ta' ordni ohra minn Qorti kompetenti li tipprojbixxi lill-istess Bank li jaghti access lir-rikorrenti ghall-imsemmija kontijiet.

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' Awwissu 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Awwissu 2015**